MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2011

Talba Numru. 1218/2010

Melita p.l.c. (C-12715).

Vs

Alfred Psaila (Id. 599863M)

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' tlett mija, disa u erbghin ewro u erbgha u sebghin centezmi (€349.74) minghand il-konvenut, rapprezentanti bilanc ta' prezz ghal servizz ta' Internet u Telefonija fissa fil-fond 27, 'Noel', Triq Has-Sajjied, Birkirkara u dana skond l-istatement tal-kont numru 525199. U minkejja li l-konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex ihallas, huwa baqa inadempjenti. Bl-imghaxijiet skond il-ligi. Bl-ispejjes kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni nkluzi dawk tal-ittra ufficcjali 1171/10 tas-17 ta' Mejju 2010.

Ra r-risposta tal-konvenut li ecepixxa illi l-pretensjoni attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt; u illi l-konvenut kien ittermina s-servizz mas-socjeta' attrici u dana hekk kif ser jipprova waqt it-trattazzjoni tal-kawza; salv linji difensjonali ulterjuri hekk kif permessi mill-ligi.

Sema' x-xhieda ta' Leanne Buhagiar prodotta mis-socjeta' attrici.

Sema' x-xhieda ta' Carmen Psaila prodotta mill-konvenut.

Ra d-dokumenti kollha li gew esebiti.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra.**

Illi skond is-socjeta' attrici, l-konvenut kien klijent taghha mit-18 ta' Lulju 2007 sakemm inqatalu s-servizz fis-17 ta' Awissu 2009, u dana minhabba li ma kienx qed ihallas il-kontijiet tieghu. Fil-fatt skond ix-xhud Leanne Buhagiar, il-konvenut kien baqa jaghmel uzu mis-servizz in kwistjoni sa l-ahhar gurnata, u cioe sas-17 ta' Awissu 2009, u l-kontijiet mahruga mis-socjeta' attrici juru li kien qed jintuza s-servizz.

Illi skond ix-xhud Carmen Psaila, li tigi l-mara tal-konvenut, huma kienu klijenti tas-socjeta' attrici, izda minhabba li s-servizz ma kienx qed jinghogob minnhom, huma ddecidew li jitterminaw l-istess, u ghal perjodu zammew biss is-servizz tat-telefonija, izda nehhew is-servizz tal-cable television. Ix-xhud spjegat illi sussegwentement f'Jannar tas-sena 2010 huma kienu tterminaw is-servizzi kollha li kien fadlilhom mas-socjeta' attrici, u cioe dawk tal-internet u s-servizz tat-telefonija. Fil-fatt Carmen Psaila pprezentat ukoll dokument fejn jidher li hija rritornat il-modem tal-internet lura lis-socjeta' attrici fl-14 ta' Jannar tas-sena 2010.

L-istess xhud esebiet ittra datata 7 ta' Jannar 2009 li skond hi kienet tat lill-Customer Care department tas-socjeta' attrici, fejn talbet li s-servizz ta' l-internet u

telefonija u dik tat-television jigu terminati. Madankollu, din l-ittra m'ghandha l-ebda timbru li turi li giet ircevuta minn-naha tas-socjeta' attrici, u oltre dan it-Tribunal isibha stramba kif din l-ittra li suppost spiccat ghand is-socjeta' attrici fil-fatt tinsab fil-pussess ta' Carmen Psaila.

Illi t-Tribunal josserva li x-xhieda moghtija minn Carmen Psaila hija pjuttost konfuza u ta' sikwiet kontradittorja, u ghalhekk ma jistax hlief li jistrieh fuq fatti. Dawn jirrizultaw li huma biss is-segwenti:-

Fl-ewwel lok, jidher li Carmen Psaila xehedet li hija tterminat is-servizzi mas-socjeta' attrici f'Jannar tas-sena 2010, u f'dan is-sens hija anki esebiet rcevuta datata 14 ta' Jannar 2010 fejn jidher li hija rritornat il-modem tal-internet.

Fit-tieni lok, mill-kontijiet kollha li gew esebiti mis-socjeta' attrici jihder car li kien qieghed isir uzu mis-servizz tas-socjeta' attrici da parti tal-konvenut sa Awissu tas-sena 2009. Dawn is-servizzi kienu jinkludu uzu tas-servizz tat-telefonija, kif ukoll dik ta' l-internet.

Illi tenut dan kollu in konsiderazzjoni, jirrizulta li l-kontijiet kollha tat-telefonija huma dovuti mill-konvenut minghajr ebda dubbju. Il-kontijiet kollha tal-internet huma wkoll dovuti peress li jidher li dawn jirrigwardaw perjodu precedenti ghal meta l-konvenut ittermina s-servizz tal-istess. Peress illi l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici jirrigwarda biss is-servizzi tat-telefonija u internet, jirrizulta li l-ammont kollu mitlub mis-socjeta' attrici ghalhekk huwa dovut mill-konvenut.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba, u jikkundanna l-konvenut ihallas s-somma ta' tlett mija, disa u erbghin ewro u erbgha u sebghin centezmi (€349.74), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------